Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-23 ta' Settembru — Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

(Kawża C-24/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/46/KE — Dritt tal-kumpanniji — Kontijiet annwali u kontijiet ikkonsolidati tal-kumpanniji — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 9)*

2. *Stati Membri — Obbligi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq is-sistema interna — Inammissibbiltà (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punti 10-13 u d-dispożittiv)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma mad-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 224, p. 1).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma mad-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju

2006, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni, ir-Repubblika Ellenika naqset mill-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Settembru 2010 — Pérez Guerra vs BNP Paribas u Spanja

(Kawża C-142/10 P)

"Appell — Rikors ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika kontra persuna fiżika jew ġuridika oħra u kontra Stat Membru — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni manifesta tal-Qorti Ġenerali — Appell manifestament infondat"

Proċedura — Rikors ta' persuna fiżika jew ġuridika intiż sabiex id-dritt tal-Unjoni jiġi osservat minn Stat Membru — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni — Inammissibbiltà (ara l-punti 3, 4)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-11 ta' Frar 2010, Guerra Pérez vs BNP Paribas u Spanja (T–3/10) li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet, minħabba inkompetenza manifesta, talba sabiex tiġi rikonoxxuta l-proprjetà ta' fondi tal-pensjoni u sabiex jingħabru l-ammonti allegatament dovuti għal dan il-għan.